# IL BON PASTUR

**KARI MALTI TA CULL XAHR**

**Ghal moghdia ta 'z-zmien fil gid tar-ruh**

IMBIERECH MILL PAPA LEONE XIII.

*Jen ir-raghai tajieb: u 'naghraf in-naghgieti tighi u 'n-naghgiet tighi iagharfu lili.*
G. C. (*Ev. S Joan:*) c. X.

*Pietati, religioni et christianae disciplinae promovendae operam navatis ... Apostolicam Benedictionem, auspicem coelestium gratiarum Omnibus pro quibus postulastis.*

*Littra tal Papa Leone XIII lid-direzioni tal B. Pastur,* 11 Giugnu 1881 muetka b' ohra tal 25 ta Ottubru 1884

*Min irid jissieheb* ihallas Hames so'di cull sitt xuhur u ghal barra min Malta bill postag: il klieh imur ghal bosta operi taiba ta paijsna.

**It-Disa Sena** **1887** **Nu. 2 Frar**


## LILL' IMSEHBIN

Ghandna niz-zuhajr lill dauch collha fost l'imsehbin li geddu jissiehbu ghas sena li ahna figha u lill dauc colla illi siebu xi shab giodda. Il gid illi dan il kari malti jaghmel jafuh bosta u ahna nixduh ucoll ghaliex rainieh.

Nfaccru lill min jehtieg illi il klieh min dan il giornal imur ghal opera mkadsa li ia il *Compagnia ta l' Orsolini* illi tant gid, bla fohria, kieghdin jaghmlu f'din il belt.

Ghandna nuissu izda illi li kari l' iehor *Il Uard bla Xeuc*, ghalchem l' istamperia ia uahda, ahna ma ahniex fih imdahhlin, nirriccmandau izda illi jinkara, ghaliex jista jaghmel bosta gid ucoll, l'izied ghaliex mictub min nies zelanti ghal gid tar-ruh tal poplu taghna.

## TRIDU TA TALB LILL S. BIAGIU ISKOF MARTRI

O cbir kaddis Iskof illi ghal virtú cbar tighech sthokkloch, illi phas-salvatur tad-digna, timxi fuk il ba-

ħar, deh ! itlob ghad-devoti tighech u fost daun ghalia u ghal...sabiex rebbeħin min dan il baħar kalil tad-digna, naslu fil port sicur tal genna. *Pater*, *Ave u Gloria*.

O tabib msemmi tar-ruħ u tal gisem illi bil grazia speciali li klait min ghand Cristu u mux bħiliet il bniedem, tait is-saħħa il bosta morda u fost daun mux ftit ta 'l mard tal ghriesem, nitolbuch li teħlesna mill mard tar-ruħ u tal gisem li aħna fiħ ninsabu u tatina is-saħħa ta kabel. *Pater*, *Ave u Gloria*.

O int li ghamilt tant miracoli, li pħala Elia iħor zitd l'ichel lill fokra u rbaħt il ghedeuua u it-tirann, ħenn ghalina u ghal... u akalghilna il grazia li ghal l' intercessioni tighech nitolbu. *Pater*, *Ave u Gloria*.

TALBA

O Signur Gesù Cristu illi tait lill' imkaddes Iskof u Martri tighech Biagiu il kauua li ifejjak cull mart u l' izied il mart tal ghriesem ; nitolbuch ghal meriti u l' intercessioni ta dan il kaddis serv tighech li teħles lil_ na u lill....min dac il mard u min cull mard ieħor Ecch icun.

---

Daun il granet gharafna illi uieħed Signur, ħabib taghna, rcieva grazia min S. Biagiu. Bintu tifla ta 12 il sena mardet bid-*difterite*, bdeu novena lill S. Biagiu, fil famiglia u mill' euuel giurnata bdiet tghaddi tajjeb u fieket contra il cors soltu tal marda u contra il fehma tat-tabib.

## ARLOG LI IKASSAM ISSIGHAT LI FIGHOM GESU' CRISTU BATA IL PASSIONI U IL MEUT GHAL FIDUA TAGHNA.

Tibda missitta ta gheib ix-xemx ta inhar il ħamis aun il-leil kabel ma miet.

Ora 6.

M. Xinù li ghamel Gesù Cristu aun il-leil kabel ma beda ibati, ghas-sitta ta fil ghaxia ?

T. Mar jeħu il licenzia min ghand Ommu Maria SSa u ìa tatu il consens taħħa li imut ghalina bnedmin.

M. U x' taghmel aun int tad-devozioni ?

T. Ingheid ech: Gesú tighei atini il grazzia lii nħob u nistma l' ommoch Maria chem istħokkila.

Ora 7.

M. Xinú li ghamel Gesú Cristu aun il-leil kabel ma miet f' din is-sigha ?

T, Ingiabar ma l'Apostoli maħbuħin tighu fic-Cenaculu ta Sion, Gesù chiel maħħom il ħaruf Pasquali biex ighallimna nobdu il-ligi t' Alla, ħasel bl' idein tighu onnipotenti riglein l' Apostoli biex ighallimna l' umiltà, imbaghat istituixxa is-SSmu Sagrament ta l' altar fein riet jibka maghna sa tmiem id-digna.

M. U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheid ecch: Gesú tighi zeijnni bl' umiltà u atini il grazia li spiss nircevich sagramentat bl' indafa tar-ruħ, u bizzieda ta l' imħabba tighech.

Ora 8.

M. Xinù li ghamel Gesù Cristu Sidna ghal xi't tmienia ta aun il-leil kabel ma miet ?

T. Hareg mic-Cenaculu ta Sion flimchien ma l'Apostoli, mar fl' Ort tal Getsemani biex ighallem l'orazioni u jati bidu lill passioni li chellu ibati ghalina.

M. U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheit ecch: Gesú tighi, atini l'ispiritu ta l'orazioni u atini il mezzi tas-salvazioni ta ruħi.

M. Ghidli x' bata ta Gesú Cristu Sidna geuua l' Ort f' din is-sigha ?

T. Bata biza u tregheit tal kalb, affan l'izied chir li giebuħ fl' agunia, geghluħ igherek il gharak ta'd-dem.

M. X' talba taghmel aun ?

T. Ingheid ech : Gesù tighi atini il biza tighech, u sansani deijem mil mishut dnub il meijet.

Ora 9.

M. Xchien ibati Gesú Cristu fid-disgha ta bil-leil.

T. Chien tradit min Giuda Iscariote b'beusa, chien marbut pħala ħati mil lis-beraglia ta Lhud, straxxnat min geuua l' Ort ghal geuua il belt ta Gerusalem.

M. X' talba taghmel aun ?

T. Ingheit ech: Gesú tighi ħenn mil ħtiet tighi, u bil grazia tighech igborni mighech ghal deijem.

M. Gheidli x' sofra izied Gesù Cristu fdina is-sigha ?

T. Sofra il ghaijat, ittaghijr, l' imbuttar, u dakkiet tar-riglein lil mistħia m 'l populu collu li ħareg jaraħ marbut pħala ħati.

M. U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheid ech: Gesú tighi atini il grazzia li nsofri collox imħabba fich. ( *tissocta.)*

## LA PICCOLA CASA DI S. GIUSEPPE DELLE ORSOLINE

Aun bosta illi isemmu id-dar li il *Compagnia ta S. Orsola* feħsieba taghmel u oħrain isaksu x'inhì.—Ghandom jafu illi fost l' opri illi S. Vincenz di Paoli irricmanda u ghamel, ia ucòll id-dar fein icunu milkughin it-trabi ta dauch in-nisa li imorru fil ghodu ghaxxoghl, u fil għaxia jigiu ghalighom. Dan, li trid taghmel il Cumpagnia taghna· Tista ucoll il Compagnia tati taghlim ta cull xorta, lill xi tfailiet li tieħu ghal l' educazioni ; ma emmx dùbiu ta 'ndiema mit-taghlim li jista icollom. L' Orsolini deijem id-distingueu ruħom f' it-torbia tant religiusa chem, civili illi tau f' paijsi oħra lit-tfal. L' Orsolini ta Corck, ta Brescia, tal Gre-

cia uma maghrufin. Ecch ucoll tarau li ghad taghmel il compagnia taghna. Ma bediex dan l' istitut ghaliex ghad ma sibniex dar mdakksa ghalieħ. L' opri t' Alla deijem jibdghu bil ftit; il compagnia taghna gia ia maghrufa u maħbuba min cull min jafa, ghal tant operi ta carità illi l' aħua taghna jaghmlu ; u 'l cbir Patriarca San Giesepp, jistenna li aħna nibdghulu issa dan l' Istitut li icun dedicat lilu u fiħ ghandu juri il kauua tal Protezioni tighu. Ghanna tama li f' dan ix-xahar ta Marzu Alla u 's-Superiuri jicconcedulna li nibdghu din l'opra, u ghalecch bis-sensia ta 's-Superiura u ta 'r-Rettur taghna ghamilna daun il chelmtein.

Min jaf b'xi dar fil Belt, illi tghod ghal dan l' Istitut, jaghmel carità igharrafna biha.

M. Anna Camilleri *Ors. Maest. delle Nov.*
M. Giuseppina Beyley *Nov. Collegiale*
M. Teresa Zammit *Postul. Collegiale*

## ADAH

### STORIA TA LUDIA

Min rà l' Olanda, rà f'Amsterdam, il belt principali, chem lud emm jinsabu; gejin mill Portugall. Daun ilom emm min zmien ir-rè Filippo II li checciom min paijsu u marru b' gidom fil Germania u fl'Olanda jitolbu fein jokoghdu. Ghamlu gid izied f' dauch il pajisi t' annegoziu u ta 'x-xoghol u saru *colonia* ludia f' dauch l'artijet. Ma ħalleu xein mill' usiet taħħom religiusi u ankas min dauch tal portughisi fein chienu kabel. Ghalecch ma ificciu xein l' usiet ta l' Olanda imma jaghmlu festi u divertimenti spagnoli u ighallmu l' uliedom il portughis u 'l-ludi.

Fost daun chien emm uieħed li chien jismu Gonzales d' Evora ragel ghani u stmat uisk fost il lud ta l' Olan-

da, li chien jokghod f' Palazz fit-triek riala ta Pumbii: negoziant ta 'd diamanti u min dauch li deijem jigbru quadri u fiuri. Chellu il ħetan tas-suali micsijn bil quadri mill' actar famusi u chellu loggia bill fiuri min tul il gnien collu. Chien stinat mill' izied ghal dauch issuperstizioniet collha illi ma 'l-ligi ta Mosè izidu il lud. Chien izda ucoll iħares il-ligi ta Israeli. Chien isum, chien jaghmel il festi ta'l-ligi, u fid-dar chellom oratoriu fein chien conservat fil ghozza il ctieb ta l' Iscrittura u nar ta gimgha fil ghaxia chienet tinxeghel il lampa ta seba dual u nar ta sibt ma chienux jaħdmu u ma jaghmlu xein f' daru.

Gonzales chellu ħafna aħua illi biccia minnom, fil bzonn, chienu igheixiu fid-dar tighu. Min tmen titfal ma bakaghlux ħlief uaħda, Adah, li chien iħobba pħal daul ta ghaineiħ. Omma mietet fit-tuelid ta din it-tifla. F' din chien kighed it-tama tighu colla u min zghurita chienet f' moħħu u f' kalbu. Ia chienet tħobbu quasi listess; u deijem ghaineiha f' missiera u dan il ħsieb ta missiera min dakkiet chien jinquietagha. Ghaliex ghalchem biex ma tħallix il missiera chienet makdret tant partiti taiba li chella, u ghalchem chienet tiħda fix-xoghliet sbieħ u fl' istudiu; ghalchem chienet takra is-Sacra scrittura u taghmel il-ligi ta Mosè, izda chienet tħoss f' kalba li ia bgheid mil-ligi li jeħtieg li taghmel; bgheid mil cbir Alla li chien imissa tħobbu aħjar, u dan il ħsieb chien jittormentagha, ghaliex missiera chien ludi stinat. *(tissocta)*

## AHBARIET

Bil ferħ ta kalbna nistghù nħabbru illi il Cnisia li tielgha fl' Imsida barra mil 2444 Lira li chienet kalghed is-sena l'oħra, minghand listess persuna regghet kalghed 850 lira. U min floch li tilfet mill munita ta Malta, li chienet ma l'euuel somma, kalghet £ 6 fuk dich is-somma. Issa kalghed ucol £75 legat li ħalletila is-Signorina

Maria Spiteri Agius benefattrici oħra tal Cnejies u operi pii ta paijsna, illi tlifnigha ftit xhur ilu. S. Giuseppi titolar tal Cnisia gdida ta l' Imsida iħenni lill cull min ighein din l'opra u izied lill dauc il cbar benefatturi taħħa !—Mitlubin nirriccmandau l' opera tal kuddiesa Riparatrice illi bdiet f' Haz-zabbar. Min jissieħeb u iħallas 6 soldi ghal darba icollu seħem f' din il kuddiesa ta cull-euuel gimgħa ta'x-xahar.—Nirriccmandau il ctieb zgheir *Il Kalb ta Gesù* illi aħna stampaina. Jimbieħ 2 soldi u nofs il copia ghall' opera ta 's-Santa Infanzia. Emm min raħ ghali uara li sar xi ctieb acbar u erħas. Izda ghandcom tkeisu illi dan tagħna irid ihalli xi klieħ ghall opera ta S. Infanzia u ghal xi opra oħra ucoll u mux ghalina 'nbeghuħ.

## L' OPERA TAS-S. INFANZIA

Ftit zmien ilu id-Direttur generali ta l' opera ta 's-S. Infanzia Mons. Demimuid chien Ruma ghall' interessi ta l' opera in nifsa ; chellu udienza ghand il Papa. Chelli ix-xorti, igheid, illi ngheid lill Papa chem jaghmlu ghal gid ta din l' opera il membri u l' associati taħħa. Il chelma tighu u uicciu ma jistghux imorru min kuddiem ghainejia. "Jena imbi e rech, kal il Papa, lill imsieħbin collha u il benefatturi u il dauch collha li igheinu il dina l' opera ill taghmel tant gid, illi is-salva tant eruieħ u li trabbi tant tfal fir-religion imkadsa."

Aun f' Malta fis-sena 1886 scont ir-rendicont li ħareg f' dan ix-zahar, ingiabru £ 1100. Alla iħallas lill benefatturi illi tauu biccia minnom somom sbieħ uisk. Alla iħallas lill cull min ta is-sitt-ħabbiet fix-xahar ghal dana l' Opera u dauch il creaturi innocenti jitolbu l' Alla ghal min jaħseb fihom aun fl' art !

✝

## MONS. DR. F. SPITERI AGIUS

Meta chien già lest u stampat in-numru l' ieħor, seu seu fit-28 ta 'x-xahar lieħor, miet il maħbub ħabib taghna MONS. CHIERICU DR. FRANC. SPITERI AGIUS. Dan chien ragel mzeijen bil virtú colla. Chien educat u istruit, umili u caritativ mill' izied. Ghamel bosta opri taiba f' paijsna u fost l' oħrain ghamel l' *Istitut tal Pilar* ghal educazioni tat-tfal bniet. Hadem fl' Istituti l' oħra ucoll.—Chien jati ucoll ghalihom bill uisk ! L' umiltà tighu ma ħalletux isir Sacerdot, u 'l carità tighu ìa tibka tissemma ! Igheidu il fokra chem chien jatihom, chem tfal pericolanti giabar f'diar ta l'educazioni. Il meut tighu giebet ħasra fil paijs u telfa lill cneijes u lill fokra. Il Papa Leone XIII xi ħames snin ilu baghattlu dac it-titulu, ghax-xoghlijet li ghamel ghal Propaganda, izda ua katt ma ħabb daun l' unuri u katt ma libes ta Prelat. Alla iħennieħ fil Genna u aħna nitolbu ghalieħ f' din l' art.

---

Nitolbu lil imsieħba taghna ucoll li jiftacru fl'eruieħ ta daun l' imsieħba f' dan il giurnal.

Marianna Agius min Hal Lia, mietet fit 3 ta Dicembru 1886.—Maria Concetta Zahra xebba ta 20 sena, mietet fit-18 ta Jannar.—Salvatore Barun miet fit-28 ta Jannar.

*Requiem Æternam.*

---

BIS-SENSIA TAL CNISIA

*Id-Direzioni.*

Ghal min irid } Fl'Istamperia ta G. Mifsud e Figlio Str. S Orsola N.187c
issieħeb } Ghan-naħħa l' oħra ghand is-Sur Lorenzo Dato